**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DIRETTIVA 2002/58/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-12 ta' Lulju 2002**

**dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika(Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)**

(ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 | L 105 | 54 | 13.4.2006 |
| ►M2 | Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2009 | L 337 | 11 | 18.12.2009 |

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 241, 10.9.2013, p. 9 (2009/136/KE)

▼B

# ID-DIRETTIVA 2002/58/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Lulju 2002

## dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika(Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkonsultaw il-proposta tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* ([4]) teħtieġ illi l-Istati Membri jiżguraw illi d-drittijiet u libertajiet ta' persuni naturali fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-*data* personali, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza, sabiex ikun żgurat il-moviment liberu tad-*data* personali fil-Komunità.

(2) Din id-Direttiva tfittex li tirrispetta d-drittijiet fondamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet stipulati fl-Artikoli 7 u 8 ta' dik il-Karta.

(3) Il-kunfidenzjalità fil-komunikazzjoni hija garantita skond l-istrumenti internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif ukoll il-Kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri.

([1]) ĠU C 365 E, tad-19.12.2000, p. 223.
([2]) ĠU C 123, tal-25.4.2001, p. 53.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2001 (għandha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 (ĠU C 113 E, ta' l-14.5.2002, p. 39) u Deċiżjoni tal-Parlament u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2002 (għandha mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002
([4]) ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31.

▼B

(4) Id-Direttiva 97/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tat-telekomunikazzjoni ([1]) ttraduċiet il-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE f'regoli speċifiċi għas-settur tat-telekomunikazzjoni. Id-Direttiva 97/66/KE għandha tiġi adattata għall-iżviluppi fis-swieq u t-teknoloġiji għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika sabiex tipprovdi livell indaqs ta' protezzjoni tad-*data* personali u l-privatezza ta' l-utenti ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament, irrispettivament mit-teknoloġija użata. Dik id-Direttiva għandha għaldaqstant titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Direttiva.

(5) Teknoloġiji diġitali avvanzati ġodda li qed ikunu introdotti bħalissa fin-*networks* pubbliċi ta' komunikazzjoni fil-Komunità, li jwasslu għal ħtiġiet speċifiċi dwar il-protezzjoni ta' *data* personali u l-privatezza ta' l-utent. L-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni huwa karatterizzat mill-introduzzjoni ta' servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni ġodda. L-aċċess għan-*networks* diġitali mobbli sar aktar disponobbli u jista' jintlaħaq mill-but tal-pubbliku in ġenerali. Dawn in-*networks* diġitali għandhom kapaċitajiet u possibiltajiet kbar għall-ipproċessar tad-*data* personali. L-iżvilupp transkonfini b'suċċess għal dawn is-servizzi huwa dipendenti f'parti fuq il-kunfidenza ta' l-utenti li l-privatezza tagħhom ma tkunx f'riskju.

(6) L-Internet qed jaqleb l-istrutturi tas-suq tradizzjonali billi jipprovdi infrastruttura komuni u globali għat-twassil ta' medda wiesgħa ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament fuq l-Internet jiftħu possibiltajiet ġodda għal min jużahom iżda ukoll riskji ġodda għal *data* personali u privatezza tagħhom.

(7) Fil-każ ta' *networks* pubbliċi ta' komunikazzjoni, dispożizzjonijiet speċifiċi legali, regolatorji, u tekniċi għandhom jsiru sabiex ikunu protetti d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-persuni naturali u l-interessi leġittimi tal-persuni legali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità li dejjem tiżdied tal-ħażna awtomatizzata u l-ipproċessar tad-*data* li għandha x'taqsam ma' l-abbonati u l-utenti.

(8) Dispożizzjonijiet legali, regolatorji u tekniċi adottati mill-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-privatezza u l-interess leġittimu tal-persuni legali fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, għandhom jiġu armonizzati sabiex jiġu evitati ostakoli għas-suq intern għall-komunikazzjoni elettronika skond l-Artikolu 14 tat-Trattat. L-armonizazzjoni għandha tkun limitata għal ħtiġiet neċessarji sabiex jiggarantixxu illi l-promozzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi u networks ġodda ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bejn l-Istati Membri ma jiġux ostakolati.

([1]) ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 1.

▼B

(9) L- Istati Membri, il-provdituri u l-utenti tas-servizzi konċernati, flimkien mal-korpi Komunitarji kompetenti, għandhom jikkoperaw sabiex jintroduċu u jiżviluppaw it-teknoloġiji relevanti fejn dan huwa neċessarju biex ikunu applikati l-garanziji previsti f'din id-Direttiva u jqisu partikolarment l-obbjettivi biex jimminimizzaw l-ipproċessar tad-*data* personali u li jużaw *data* anonima jew u psewdonoma fejn possibbli.

(10) Fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, id-Direttiva 95/46/KE tapplika b'mod partikolari għall-materji kollha li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali, li mhumiex speċifikatament koperti mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, inklużi l-obbligazzjonijiet fuq il-kontrollur u drittijiet ta' l-individwi. Id-Direttiva 95/46/KE tgħodd għal servizzi ta' komunikazzjoni mhux pubbliċi.

(11) Bħad-Direttiva 95/46/KE, din id-Direttiva ma tittrattax kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fondamentali relatati ma’ l-attivitajiet li mhumiex regolati mil-liġi Komunitarja. Għaldaqstant ma tbiddilx il-bilanċ eżistenti bejn id-dritt ta' l-individwu għall-privatezza u l-possibbiltà għall-Istati Membri li jieħdu l-miżuri msemmijin fl-Artikolu 15(1) ta' din id-Direttiva, neċessarji għall-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, difiża, sigurta ta' l-Istat (li tinkludi il-ġid ekonomiku ta' l-Istat meta l-attivitajiet huma ta' materja ta' sigurtà ta' l-Istat) u l-infurzar tal-liġi kriminali. Konsegwenetement, din id-Direttiva ma taffetwax l-abbiltà ta' l-Istati Membri li jwettqu l-interċezzjoni legali ta' komunikazzjoni elettronika, jew li jieħdu miżuri oħra, jekk neċessarji għal kwalunkwe wieħed minn dawn l-iskopijiet u skond il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, hekk kif interpretati mid-deċi\jonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dawn il-miżuri għandhom jkunu xierqa, strettament proporzjonali għall-iskop maħsub kif ukoll neċessarji fi ħdan soċjetà demokratika u għandhom ikunu suġġetti għal salvagwardji adegwati skond il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

(12) L-abbonati ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika li huwa aċċessibbli għall-pubbliku jistgħu jkunu persuni naturali jew legali. Billi tissupplimenta d-Direttiva 95/46/KE, din id-Direttiva hija intiża biex tipproteġi d-drittijiet fondamentali ta' persuni naturali u partikolarment id-dritt tagħhom għall- privatezza, kif ukoll l-interessi leġittimi ta' persuni legali. Din id-Direttiva ma tinvolvix obbligazzjoni għall-Istati Membri illi jestendu l-applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE għall-protezzjoni ta' l-interessi leġittimi ta' persuni legali, li hija żgurata fi ħdan il-kwadru tal-leġislazzjoni Komunitarja u nazzjonali applikabbli.

(13) Ir-relazzjoni kontrattwali bejn l-abbonat u l-provditur tas-servizz tista’ tinvolvi pagament perjodiku jew ta' darba għas-servizz provdut jew li għandu jkun provdut. *Cards* imħallsin minn qabel huma kunsidrati ukoll bħala kuntratt.

▼B

(14) *Data* dwar is-sit tista’ tirreferi għal-latitudni, lonġitudni u altiduni tat-tagħmir terminali ta' l-utent, għad-direzzjoni tal-vjaġġ, għal-livell ta' eżattezza ta' l-infomazzjoni tas-sit, għall-identifikazzjoni taċ-ċellola tan-*network* li fiha huwa lokat it-tagħmir terminali f'fċertu punt fi żmien u għall-ħin li l-informazzjoni tas-sit ġiet rrekordjata.

(15) Komunikazzjoni tista’ tinkludi kull informazzjoni dwar l-isem, in-numru, l-indirizz provdut mill-mittent tal-komunikazzjoni jew l-utent ta' konnessjoni sabiex issir il-komunikazzjoni. *Traffic data* tista tinkludi kull traduzzjoni ta' din l-informazzjoni permezz tan-*network* fejn il-komunikazzjoni hija trasmessa sabiex issir it-trasmissjoni. *Traffic data* tista', fost oħrajn, tikkonsisti minn *data* li tirreferi għar-rotta, durata, ħin jew volum tal-komunikazzjoni, għall-protokoll użat, għas-sit tat-tagħmir terminali ta' min jibgħat jew jirċevi, għan-*network* fejn il-komunikazzjoni tibda jew tispiċċa, għall-bidu, tmiem jew durata tal-konnessjoni. Jistgħu jikkonsistu ukoll minn format fejn il-komunikazzjoni tintbagħat miin-*network*.

(16) Informazzjoni li hija parti mis-servizz tax-xandir provdut fuq *network* ta' komunikazzjoni pubblika hija intiża għal udjenza potenzjalment bla limitu u ma tikkostitwix komunikazzjoni fis-sens ta' din id-Direttiva. Madanakollu, f'każijiet fejn l-abbonat individwali jew utent li jirċevi din l-informazzjoni jista’ jkun identifikat, per eżempju b'servizzi *video-on-demand*, l-informazzjoni li tintbagħat hija koperta mit-tifsira ta' komunikazzjoni għall-iskopijiet ta' din id- Direttiva.

(17) Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, kunsens ta' l-utent jew ta' l-abbonat, irrispettivament minn jekk dan ta' l-aħħar huwiex persuna naturali jew legali, għandu jkollu l-istess tifsira tal-kunsens tas-su[[ett tad-*data* hekk kif definita u speċifikata aktar fid-Direttiva 95/46/KE. Il-kunsens jista’ jngħata b'kull mod xieraq li jippermetti indikazzjoni speċifika u informata mogħtija b'mod liberu tax-xewqat ta' l-utent, li tinkludi l-ittikkjar ta' kaxxa meta żżur l-Internet *website* ta' l-Internet.

(18) Servizzi ta' valur miżjud jistgħu, per eżempju, jikkonsistu minn pariri fuq pakketti ta' tariffi l-aktar irħas, gwidi tar-rotta, informazzjoni tat-traffiku, tbassir tat-temp u informazzjoni għat-turisti.

(19) L-applikazzjoni ta' ċerti ħtiġiet dwar il-preżentazzjoni u restrizzjoni ta' telefonati u l-identifikazzjoni tal-linja konnessa u t-trasferiment awtomatiku ta' sejħiet lil-linji ta' l-abbonati mwaħħlin ma’ *exchanges* analogi m'għandhomx ikunu magħmula obbligatorji f'każijiet speċfiċi meta din l-applikazzjoni tkun teknikament impossibbli jew tkun teħtieġ sforz ekonomiku sproporzjonat. Huwa importanti għalll-partijiet interessati li jkunu informati b'dawn il-każijiet u l-Istati Membri għandhom għalhekk jinnotifikawhom lill-Kummissjoni.

▼B

(20) Il-provdituri ta' servizzi għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jissalvagwardjaw is-sigurtà tas-servizzi tagħhom, jekk neċessarju flimkien mal-provditur tan-*network*, u jinformaw lill-abbonati dwar kull riskju speċjali ta' ksur ta' sigurtà tan-*network*. Dawn ir-riskji jistgħu jseħħu speċjalment f'servizzi ta'komunikazzjoni elettronika fuq *open network* bħall-Internet jew telefonija mobbli analoga. Huwa partikolarment importanti għall-abbonati u l-utenti ta' dawn is-servizzi li jkun informati b'mod sħiħ mill-provditur tas-servizz tagħhom dwar ir-riskji ta' sigurtà eżistenti 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' rimedji possibbli mill-provditur tas-servizz. Provdituri ta' servizzi li joffru servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli publikament fuq l-Internet għandhom jinformaw lill-utenti u l-abbonati b'miżuri illi jistgħu jieħdu sabiex jipproteġu is-sigurtà tal-komunikazzjonijiet tagħhom bħal per eżempju billi jużaw tipi speċifiċi ta' *software* jew teknoloġiji ta' *encryption*. Il-ħtieġa li l-abbonati jkunu informati b'riskji partikolari għas-sigurtà ma je]lisx lill-provditur tas-servizz mill-obbligu illi jieħu, bi spejjez tiegħu, passi xierqa u immedjati sabiex jirrimedja kull riskju ta' sigurtà ġdid u mhux previst u li jistabbilixxi mill-ġdid il-livell normali ta' sigurtà tas-servizz. Il-proviżjoni ta' informazzjoni dwar riskji ta' sigurtà lill-abbonat għandhom ikunu bla ħlas bl-eċċezzjoni ta' spejjez nominali li l-abbonat jista' jsofri meta jirċevi jew jiġbor informazzjoni, bħal per eżempju permezz ta' *downloading* ta' messaġġ ta' posta elettronika. Is-sigurtà hija valutata fid-dawl ta' l-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46/KE.

(21) Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi pprevenut l-aċċess mhux awtorizzat ta' komunikazzjonijiet sabiex titħares il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni, li tinkludi kemm il-kontenut kif ukoll kull *data* relatata ma' din il-komunikazzjoni, permezz ta' *networks* pubbliċi ta' komunikazzjoni u servizzi ta' telekomunikazzjoni elettroniċi disponibbli pubblikament. Il-leġislazzjoni nazzjonali f'ċerti Stati Membri tipprojbixxi biss l-aċċess intenzjonali mhux awtorizzat għall-komunikazzjonijiet.

(22) Il-projbizzjoni tal-]a\na tal-komunikazzjonijiet u d-*data* dwar it-traffiku relatati minn persuni minbarra l-utenti jew mingħajr il-kunsens tagħhom mhix maħsuba li tipprojbixxi ħażna awtomatika, intermedja u temporanja ta' din l-informazzjoni sa fejn dan isir għall-iskop uniku li titwettaq it-trasmissjoni fin-*network* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u sakemm l-informazzjoni ma tinħażinx għal żmien itwal milli huwa meħtieġ għat-trasmissjoni u għall-iskopijiet tal-ġestjoni tat-traffiku, u li matul iż-żmien tal-ħażna tibqa' garantita l-kunfidenzjalità. Fejn dan huwa meħtieġ biex tkun aktar effiċjenti t-trasmissjoni 'l quddiem ta' informazzjoni aċċessibbli b'mod pubbliku lil reċipjenti oħrajn tas-servizz fuq talba tagħhhom, din id-Direttiva m'għandhiex tipprevjeni li tali informazzjoni tkompli tinħażen, sakemm din l-informazzjoni f'kull każ tkun aċċessibbli g]all-pubbliku mingħajr restrizzjonijiet u li kull *data* li jirreferu għal abbonati jew l-utenti indivdwali li jitolbu din l-informazzjoni jitħassru.

(23) Il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet għandha wkoll tiġi żgurata fil-kors tal-prattika tal-kummer' skond il-liġi. Fejn huwa meħtieġ u legalment awtorizzat, il-komunikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati għall-iskop ta' prova ta' transazzjoni kummerċjali. Id-Direttiva 95/46/KE tapplika għal dan it-tip ta' proċessar. Il-partijiet għall-komunikazzjonijiet għandhom jiġu informati qabel ir-reġistrazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni, l-iskop tagħha u ż-żmien tal-ħażna tagħha. Il-komunikazzjoni reġistrata għandha titħassar

▼B

malajr kemm jista' jkun u f'kull każ mhux aktar tard mit-tmiem tal-perjodu li fih it-transazzjoni tista' legalment tiġi kkontestata.

(24) Tagħmir terminali ta' utenti ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u kull informazzjoni maħżuna fuq tali tagħmir huma parti mill-isfera privata ta' l-utenti li teħtieġ protezzjoni skond il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. L-hekk imsejħa *spyware*, *web bugs, hidden identifiers* u mezzi simili jistgħu jidħlu fit-terminal ta' l-utenti mingħajr l-għarfien tagħhom sabiex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni, biex tinħażen informazzjomi moħbija jew biex jiġu traċċati l-attivitajiet ta' l-utent u jistgħu serjament jinvadu l-privatezza ta' dawn l-utenti. L-użu ta' dawn il-mezzi għandu jiġi permess biss għal skopijiet leġittimi, bl-għarfien ta' l-utenti konċernati.

(25) Iżda, dawn il-mezzi, bħal per eżempju l-hekk imsejħa *cookies*, jistgħu jkunu għodda leġittima u utli, per eżempju, per eżempju, fl-analiżi ta' l-effettività ta' disinn ta' *website* u r-riklamar, u fil-verifika ta' l-identità ta' utenti li jagħmlu transazzjonijiet *online*. Fejn dawn il-mezzi, bħal per eżempju l-*cookies*, huma ntiżi għal skop leġittimu, bħalma huwa li jiffaċilitaw il-provediment tas-servizzi ta' soċjeta’ ta' l-informazzjoni, l-użu tagħhom għandu jiġi permess b'kondizzjoni li l-utenti jingħataw informazzjoni ċara u preċiża skond id-Direttiva 95/46/KE dwar l-iskopijiet tal-*cookies* jew mezzi simili sabiex jiġi żgurat li l-utenti jkunu konxji mill-informazzjoni li titqiegħed fuq it-tagħmir terminali li jkunu qed jużaw. L-utenti għandu jkollhom l-opportunità li jirrifjutaw li jkollhom *cookie* jew mezz simili maħżuna fuq it-tagħmir terminali tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti fejn utenti minbarra l-utent oriġinali għandhom aċċess għat-tagħmir terminali u għalhekk għal kull *data* li fiha informazzjoni sensitiva għall-privatezza maħżuna fuq tali tagħmir. L-informazzjoni u d-dritt tar-rifjut jistgħu jiġu offruti darba għall-użu ta' mezzi diversi li għandhom jiġu istallati fuq it-tagħmir terminali ta' l-utenti matul l-istess konnessjoni u li jkopru wkoll użu ulterjuri li jista jsir minn dawn il-mezzi matul konnessjonijiet sussegwenti. Il-metodi għall-għotji ta' informazzjoni, li joffru dritt ta' rifjut jew li jitolbu il-kunsens għandhom ikunu kemm jista’ jkun faċli għall-utent. Aċċess għal kontenut speċifiku fuq *website* jista xorta jkun kondizzjonali fuq aettazzjoni informata sew ta' *cookie* jew mezz simili, jekk tintuża għal skop leġittimu.

(26) Id-*data* dwar l-abbonati li tiġi pproċessata fin-*networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi biex jiġu stabbiliti l-konnessjonijiet u tiġi trasmessa l-informazzjoni ikun fihom informazzjoni dwar il-ħajja privata ta' persuni naturali u jikkonċernaw id-dritt għar-rispett tal-korrispondenza tagħhom jew jikkonċernaw l-interessi leġittimi ta' persuni legali. Dawn id-*data* jistgħu jinħażnu biss sa fejn huma meħtieġa g]all-provvista tas-servizz u għall-iskop tal-kontijiet u l-ħlas ta' l-interkonnessjoni, u għal żmien limitat. Kull proċessar ulterjuri ta' dawn id-*data* li l-provditur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament jista’ jkun irid iwettaq, għall-*marketing* ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew għall-provvista ta' servizzi ta' valur miżjud jista jiġi permess biss jekk l-abbonat ikun qabel ma’ dan fuq il-ba\i ta' informazzjoni preċiża u sħiħa mogħtija mill-provditur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament dwar

▼B

it-tipi ta' proċessar ulterjuri li bi ħsiebu jagħmel u dwar id-dritt ta' l-abbonat li ma jagħtix jew li jirtira l-kunsens tiegħu/tag]ha għal tali proċessar. Id-*data* dwar it-traffiku użati għall-*marketing* ta' servizzi ta' komunikazzjoni jew għall-provvista ta' servizzi bil-valur miżjud għandhom jitħassru wkoll jew isiru magħmula anonimi wara l-provvista tas-servizz. Il-provdituri tas-servizzi għandhom dejjem iżommu lill-abbonati informati dwar it-tipi ta' *data* li qegħdin jipproċessaw u l-iskopijiet u d-durata ta' dan.

(27) Il-mument preċiż tat-tlestija tat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni, li warajha d-*data* dwar it-traffiku għandhom jitħassru ħlief għal skopijiet li jintbagħat kont, jista' jiddependi fuq it-tip ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika li huwa provdut. Per eżempju, għal sejħa ta' telefonija bil-leħen, it-trasmissjoni hija kompluta malli wieħed mill-utenti jtemm il-konnessjoni. Għall-posta elettronika it-trasmissjoni tintemm malli l-indirizzat jiġbor il-messaġġ, tipikament mis-*server* tal-provditur tas-servizz tiegħu.

(28) L-obbligu li jitħassru d-*data* dwar it-traffiku jew li dawn id-*data* jsiru anonimi meta m'għadhomx meħtieġa għall-iskop tat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni ma tikkonfliġġix ma' proċeduri fuq l-Internet bħalma huma l-*caching* fis-sistema ta' l-isem tad-*domain* ta' indirizzi ta' l-IP jew il-*caching* ta' indirizzi ta' l-IP ma marbuta ma' indirizz fiżiku jew l-użu ta' informazzjoni għall-*log-in* biex jiġi kkontrollat id-dritt għall-aċċess għal *networks* jew servizzi.

(29) Il-provditur tas-servizz jista' jipproċessa d-*data* dwar it-traffiku relatata ma' l-abbonati u l-utenti fejn meħtieġ f'każijiet individwali sabiex jiġu skoperti ħsarat tekniċi jew żbalji fit-trasmissjoni tal-komunikazzjonijiet. Id-*data* dwar it-traffiku meħtieġa għall-skopijiet li jintbagħat kont tista' tiġi pproċessata wkoll mill-provditur sabiex jiskopri u jwaqqaf frodi li jikkonsisti f'użu mhux imħallas tas-servizz ta' komunikazzjoni elettronika.

(30) Sistemi għall-provvista ta' *networks* u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għandhom ikunu diżinjati li jillimitaw l-ammont ta' *data* personali meħtieġa għall-minimu strettament possibbli. Kull attività relatata mal-provvista ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika li tmur lil hinn mit-trasmissjoni ta' komunikazzjoni u li jsir il-kont għaliha għandu jkun ibbażat fuq id-*data* dwar it-traffiku aggregati li ma jistgħux jiġu relatati ma' abbonati jew utenti. Fejn dawn l-attivitajiet ma jistgħux jiġu bbażati fuq *data* aggregati, għandhom jitqiesu bħala servizzi bil-valur miżjud li għalihom huwa meħtieġ il-kunsens ta' l-abbonat.

▼B

(31) Jekk il-kunsens li għandu jinkiseb għall-ipproċessar tad-*data* personali bil-għan li jiġi pprovdut servizz partikolari ta' valur miżjud għandux ikun dak ta' l-utent jew ta' l-abbonat, ikun jiddependi mid-*data* li għandha tiġi proċessata u t-tip ta' servizz li għandu jkun ipprovdut u fuq jekk hijiex teknikament, proċeduralment u kontrattwalment possibbli li tiddistingwi l-individwu li juża servizz ta' komunikazzjoni elettronika mill-persuna legali jew naturali li jkun abbona fih.

(32) Fejn il-provditur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' servizz bil-valur miżjud jissottokuntratta l-ipproċessar ta' *data* meħtieġa għall-provvista ta' dawn is-servizzi lil entità' oħra, dan is-sottokuntrattar u l-ipproċessar tad-*data* sussegwenti għandhom ikunu f'konformità sħiħa mal-ħtiġiet dwar il-kontrolluri u l-proċessuri tad-*data* personali kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE. Fejn il-provvista ta' servizz bil-valur miżjud jirirkjedi li d-*data* dwar it-traffiku jew sit jintbagħtu minn provditur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika lil provditur ta' servizz bil-valur miżjud, l-abbonati jew l-utenti li għalihom hija relatata d-*data* għandhom ikunu wkoll infurmati bis-sħiħ dwar dan it-traferiment qabel ma jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-*data*.

(33) L-introduzzjoni ta' kontijiet dettaljati tebet il-possibilitajiet għall-abbonat li jivverifika l-preċiżjoni tat-tariffi mitluba mill-provditur tas-servizz iżda, fl-istess ħin, tista' tipperikola l-privatezza ta' l-utenti ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament. Għalhekk, sabiex tiġi ppriservata l-privatezza ta' l-utent, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp ta' għażliet ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika bħal faċilitajiet ta' ħlas alternattivi li jippermettu aċċess anonimu jew strettament privat għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament bħal *calling cards* u faċilitajiet għall-ħlas bil-karta tal-kreditu. Għall-istess skop, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-operaturi joffru lill-abbonati tagħhom tip differenti ta' kont dettaljat li fih ikunu tħassru xi numru min-numru msejjaħ.

(34) Huwa neċessarju, fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-linja li qed tagħmel is-sejħa, li jitħares id-dritt tal-persuna li qed tagħmel is-sejħa li tiċħad il-preżentazzjoni ta' l-identifikazzjoni tal-linja li minnha qed issir is-sejħa u d-dritt tal-persuna msejħa li tiċħad sejħiet minn linji mhux identifikati. Hemm ġustifikazzjoni biex tiġi sorpassata l-eliminazzjoni tal-preżentazzjoni ta' l-identifikazzjoni tal-linja li minnha qed issir is-sejħa f'każijiet speċifiċi. Xi abbonati, f'xi linji ta' għajnuna u organizzazzjonijiet simili, għandhom interess li jiggarantixxu l-anonimità ta' min jagħmel is-sejħa. Huwa meħtieġ, rigward l-identifikazzjoni tal-linja konnessa, li jitħarsu d-dritt u l-interess leġittmu tal-persuna msejħa li tiċħad il-preżentazzjoni ta' l-identifikazzjoni tal-linja li magħha l-persuna li qed tagħmel is-sejħa hija attwalment konnessa, partikolarment fil-każ ta' sejħiet trasferiti. Il-provdituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament għandhom jinfurmaw lill-abbonati tagħhom dwar l-eżistenza ta' identifikazzjoni tal-linja li qed issejjaħ jew li hija konnessa fin-*newtork* u dwar is-servizzi kollha li huma offruti fuq il-bażi ta' identifikazzjoni tal-linja li qed issejjaħ jew li hija konnessa kif ukoll dwar l-għażliet ta' privatezza disponibbli. Dan

▼B

jippermetti lill-abbonati jagħmlu għażla infurmata dwar l-għażliet ta' privatezza li jixtiequ jużaw. L-għażliet ta' privatezza li huma offruti fuq bażi *per line* m'għandhomx għalfejn neċessarjament ikunu disponibbli bħala servizz tan-*newtork* awtomatiku iżda jistgħu jiġu akkwistati permezz ta' talba sempliċi lill-provditur tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament.

(35) Fin-*networks* mobbli diġitali, id-*data* dwar is-sit li tagħti l-pożizzjoni ġeografika tat-tagħmir terminali ta' l-utent mobbli hija proċessata biex tiġi permessa t-trasmissjoni tal-komunikazzjonijiet. Din id-*data* hija *data* dwar it-traffiku koperta mill-Artikolu 6 ta' din id- Direttiva. Iżda, minbarra hekk, *networks* mobbli diġitali jista’ jkollhom il-kapaċità li jipproċessaw id-*data* dwar is-sit li huma aktar preċiżi milli huwa meħtieġ għat-trasmissjoni ta' komunikazzjonijiet u li huma wżati għall-provvista ta' servizz bil-valur miżjud bħal servizzi li jipprovdu informazzjoni dwar traffiku individwalizzata u gwidi għas-sewwieqa. L-ipproċessar ta' tali *data* għal servizz bil-valur miżjud għandu jiġu permess biss fejn l-abbonati jkunu taw il-kunsens tagħhom. Ukoll fil-każijiet fejn l-abbonati jkunu taw il-kunsens tagħhom, għandu jkollhom mod sempliċi biex temporanjament jiċħdu l-ipproċessar tad-*data* dwar is-sit, mingħajr ebda ħlas.

(36) L-istati Membri jistgħu jirrestrinġu d-drittjiet ta' l-utenti u ta' l-abbonati għall-privatezza fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-linja li qed issejjaħ fejn dan huwa meħtieġ biex jiġu traċċati sejħiet malizzjużi u fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-linja li qed issejjaħ u id-*data* dwar is-sit fejn dan huwa meħtieġ biex is-servizzi ta' l-emerġenza jkunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom bl-aktar mod effettiv possibbli. Għal dawn l-iskopijiet l-Istati Membri jistgħu jaddottaw dispożizzjonijiet speċifiċi biex jintitolaw lil provdituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika li jipprovdu aċċess għall-identifikazzjoni tal-linja li qed issejjaħ u *d-data* dwar is-sit mingħajr il-kunsens minn qabel ta' l-utenti jew abbonati konċernati.

(37) Għandhom jingħataw salvagwardji għall-abbonati kontra l-inkonvenjent li jista’ jiġi kkawżat mis-sejħiet trasferiti awtomatikament minn ħaddieħor. Minbarra hekk, f'dawn il-każijiet, għandu jkun possibbli għall-abbonati li jwaqqfu s-sejħiet trasferiti milli jiġu mgħoddija lit-terminali tagħhom permezz ta' talba sempliċi lill-provditur tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika.

(38) Id-direttorji ta' abbonati ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huma distribwiti b'mod wiesa’ u pubbliku. Id-dritt ta' privatezza ta' persuni naturali u l-interess leġittimu ta' persuni legali jitolbu li l-abbonati jistgħu jiddeterminaw jekk id-*data* personali tagħhom jiġux ippubblikati f'direttorju u jekk iva, liema. Provdituri ta' direttorji pubbliċi għandhom jinfurmaw lill-abbonati li ser jiġu inklużi f'tali direttorji dwar l-iskop tad-direttorju u dwar kull użu partikolari li jista jsir minn verżjonijiet elettroniċi ta' direttorji pubbliċi, partikolarment permezz ta' funzjonijiet ta' tfittxija inkorporati fis-*software*, bħal funzjonijiet ta' tfittxija b'lura li jippermettu lil utenti tad-direttorji li jiskopru l-isem u l-indirizz ta' l-abbonat fuq il-bażi ta' numru tat-telefon biss.

▼B

(39) L-obbligu li abbonat jiġi infurmat dwar l-iskop(ijiet) ta' direttorji pubbliċi li fihom għandhom jiġu inklużi d-*data* personali tagħhom għandu jiġi impost fuq il-persuna li qed tiġbor id-*data* għal din l-inklużjoni. Fejn id-*data* jistgħu jiġu trasmessi lil terza persuna jew aktar, l-abbonat għandu jiġi infurmat dwar din il-possibbilità u dwar ir-riċevent jew il-kategoriji ta' riċeventi possibbli. Kull trasmissjoni għandha tkun soġġetta għall-kondizzjoni li d-*data* ma tistax tintuża għal skopijiet oħrajn minbarra dawk li għalihom ġiet miġbura. Jekk il-persuna li tiġbor id-*data* mill-abbonat jew kwalunkwe terza persuna li lilha ġew trasmessi d-*data*, jixtieq juża d-*data* għal skop addizzjonali, għandu jinkiseb il-kunsens imġedded ta' l-abbonat jew mill-parti inizjali li tiġbor id-*data* jew mit-terza persuna li lilha tkun ġiet trasmessa id-*data*

(40) Għandhom jingħataw salvagwardji għall-abbonati kontra l-intrużjoni tal-privatezza tagħhom permezz ta' komunikazzjonijiet mhux soleċitati għal skopijiet ta' *marketing* dirett partikolarment permezz ta' magni li jsejħu awtomatikament, *telefaxes* u posta elettronika, inklużi messaġġi bl-SMS. Dawn il-forom ta' komunikazzjoni kummerċjali mhux soliċitati jistgħu minn banda jkunu relativament faċli u rħas biex jintbagħtu u mill-oħra jistgħu jimponu piż u/jew spiża fuq ir-riċevent. Minbarra hekk, f'xi każijiet il-volum tagħhom jista’ wkoll jikkawża diffikultajiet għal *networks* ta' komunikazzjoni elettronika u tagħmir terminali. Għal tali forma ta' komunikazzjonijiet mhux soliċitati għal skopijiet ta' *marketing* dirett huwa ġustifikat li jenħtieġ li jiġi akkwistat il-kunsens minn qabel espliċitu tar-riċeventi qabel ma jiġu indirizzati lilhom tali komunikazzjonijiet. Is-suq wieħed jeħtieġ pożizzjoni armonizzata biex jiġu żgurati regoli sempliċi fil-Komunità kollha għan-negozji u għall-utenti.

(41) Fil-kuntest ta' relazzjoni eżistenti mal-klijenti, huwa raġonevoli li jiġi permess l-użu ta' dettalji ta' kuntatt elettroniċi għall-offerta ta' prodotti jew servizzi simili, iżda biss mill-istess kumpannija li akkwistat id-dettalji ta' kuntatt elettroniċi skond id-Direttiva 95/46/KE. Meta jiġu akkwistati d-dettalji ta' kuntatt elettroniċi, il-klijent għandu jiġi infurmat dwar l-użu ulterjuri tagħhom għall-*marketing* dirett b'mod ċar u distint, u jingħata l-opportunità li jirrifjuta tali użu. Din l-opportunità għandha tkompli tiġi offruta ma’ kull messaġġ sussegwenti ta' *marketing* dirett, mingħajr ħlas, ħlief għall-spejjeż għat-trasmissjoni ta' tali ċaħda.

(42) Forom oħrajn ta' *marketing* dirett li huma akter għaljin għal min jibgħathom u ma jimponu l-ebda spiża finanzjarja fuq l-abbonati u l-utenti, bħal telefonija bil-leħen minn persuna għal oħra, jistgħu jiġġustifikaw l-manteniment ta' sistema li tagħti lill-abbonati u ’l-utenti l-possibilità li jindikaw li ma jixtiequx li jirċievu tali telefonati. Madankollu, sabiex ma jonqsux il-livelli eżistenti tal-ħarsien tal-privatezza, l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jżommu sistemi nazzjonali, li jippermettu biss tali sejħiet lil abbonati u utenti li jkunu taw il-kunsens tagħhom minn qabel.

▼B

(43) Biex jiġi ffaċilitat l-infurzar effettiv tar-regoli Komunitarji dwar messaġġi mhux soliċitati għall-*marketing* dirett, huwa meħtieġ li jiġi pprojbit l-użu ta' identitajiet foloz jew indirizzi jew numri ta' ritorn foloz waqt li jintbagħtu messaġġi mhux soliċitati għal skopijiet ta' *marketing* dirett.

(44) Xi sistemi ta' posta elettronika jippermettu lill-abbonati jaraw lill-mittent u l-linja tas-suġġett ta' posta elettronika, u wkoll li jħassru l-messaġġ mingħajr ma jkollhom għalfejn iniżżlu l-bqija tal-kontenut tal-posta elettronika jew affarijiet mehmuża, b'hekk inaqqsu l-ispejjeż li jirriżultaw mit-tniżżil ta' posta elettronika jew affarijiet mehmuża mhux soliċitati. Dawn l-arranġamenti jistgħu jkomplu jkunu utli f'xi każijiet bħala għodda addizzjonali għall-obbligi ġenerali stabbiliti f'din id-Direttiva.

(45) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu biex iħarsu l-interessi leġittimi ta' persuni legali dwar komunikazzjonijiet mhux soliċitati għl skopijiet ta' *marketing* dirett. Fejn l-Istati Membri jistabbilixxu reġistru ta' *opt-out* għal tali komunikazzjonijiet lil persuni legali, l-aktar utenti negozjanti, jgħoddu fl-intier tagħom id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar xi aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-suq intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) ([1]).

(46) Il-funzjonalitajiet għall-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jistgħu jiġu integrati fin-*network* jew f'kull parti tat-tagħmir terminali ta' l-utent, inkluż is-*software*. Il-ħarsien tad-*data* personali u l-privatezza ta' l-utenti ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament għandu jkun indipendenti mill-konfigurazzjoni tal- komponenti varji meħtieġa biex ikun provdut s-servizz u dwar id-distribuzzjoni tal-funzjonalitajiet meħtieġa bejn dawn il-komponenti. Id-Direttiva 95/46/KE tkopri kull forma ta' proċessar ta' *data* personali irrispettivament mit-teknoloġija użata. L-eżistenza ta' regoli speċifiċi għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi flimkien mar-regoli ġenerali għall-komponenti l-oħrajn neċessarji għal provvista ta' tali servizzi ma jistgħux jiffaċilitaw il-protezzjoni ta' *data* personali u l-privatezza b'mod teknoloġikament newtru. Jista’ għalhekk ikun neċessarju li jiġu adottati miżuri li jeħtieġu lill-manifatturi ta' xi tipi ta' tagħmir użat għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika li jibnu l-prodott tagħħom b'tali mod li jinkorpora is-salvagwardji biex jiżguraw illi d-*data* personali u l-privatezza ta' l-utent jitħarsu. L-adozzjoni ta' tali miżuri skond id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom ([2]) għandu jiżgura li l-introduzzjoni ta' karatteristiċi tekniċi ta' tagħmir ta' komunikazzjoni elettronika inkluż *software* għall-iskopijiet tal-ħarsien tad-*data* personali hija armonizzata sabiex tkun kompatibbli ma’ l-implimentazzjoni tas-suq intern.

([1]) ĠU L 178, tas-17.7.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 91, tas-7.4.1999, p. 10.

▼B

(47) Fejn id-drittjiet ta' l-utenti u l-abbonati ma jiġux rispettati, il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tipprovdi għal rimedji ġudizzjarji. Il-pieni għandhom jiġu imposti fuq kull persuna, kemm jekk regolati mid-dritt privat jew pubbliku, li ma tikkonformax mal-miżuri nazzjonali meħuda taħt din id-Direttiva.

(48) Fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, huwa utli li tintuża l-esperjenza tal- Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fl-Ipproċessar ta' *Data* Personali kompost minn rappreżentanti ta' l-awtoritajiet ta' sorveljanza ta' l-Istati Membri, stabbilit mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE.

(49) Biex tiġi faċilitata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, huma meħtieġa xi arranġamenti speċifiċi għall-ipproċessar tad-*data* diġa mibdija fid-data meta tidħol fis-seħħ il-leġislazzjoni nazzjonali implimentattiva bis-saħħa ta' din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni u mira**

▼M2

1. Din id-Direttiva tipprevedi l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri meħtieġa biex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta’ protezzjoni ta’ drittijiet u libertajiet fundamentali, partikolarment id-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu ta’ tali data u tat-tagħmir u s-servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika fil-Komunità.

▼B

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jippartikularizzaw u jikkomplementaw id-Direttiva 95/46/KE għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Minbarra hekk, jipprovdu għall-ħarsien ta' l-interessi leġittimi ta' l-abbonati li huma persuni legali.

3. Din id-Direttiva ma tgħoddx għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bħal dawk koperti mit-Titoli V u VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u f' kull każ għal attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurta ta' l-Istat (inkluż il-benessere ekonomiku ta' l-Istat meta l-attivitajiet jirrigwardaw affarjiet ta' sigurtà ta' l-Istat) u l-attivitajiet ta' l-Istat f'oqsma tal-liġi kriminali.

▼B

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Ħlief kif provdut mod ieħor, għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet fid-Direttiva 95/46/KE u fid-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-*networks* ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (1).

Għandhom jgħoddu wkoll dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "utent" tfisser kull persuna naturali li tuża servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament, għal skopijiet privati jew ta' negozju, mingħajr ma tkun neċessarjament abbonat għal dan is-servizz;

(b) " *Data* dwar it-traffiku" tfisser *data* pproċessata għall-iskopijiet li titntbagħat komunikazzjoni fuq *network* ta' komunikazzjoni elettonika jew biex isir il-kont għaliha;

▼M2

(c) "data dwar is-sit" tfisser data pproċessata f'network ta' komunikazzjoni elettronika jew minn servizz ta' komunikazzjoni elettronika, li tindika il-pożizzjoni ġeografika tat-tagħmir terminali ta' utent ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament;

▼B

(d) "komunikazzjoni" tfisser informazzjoni skambjata jew mibgħuta bejn numru finit ta' partijiet permezz ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament. Dan ma jinkludix informazzjoni mibgħuta bħala parti minn servizz ta' xandir lill-pubbliku fuq *network* ta' komunikazzjoni elettronika, ħlief sa fejn l-informazzjoni tista' tkun relatata ma' l-abbonat jew utent identifikabbli li jirċievi l-informazzjoni;

▼M2

__________

▼B

(f) "kunsens" minn utent jew abbonat jikkorrespondi għall-kusnens tas-suġġett tad-*data* fid-Direttiva 95/46/KE;

(g) "servizz bil-valur miżjud" tfisser kull servizz li jeħtieġ l-ipproċessar ta' *data* dwar it-traffiku jew *data* dwar is-sit minbarra *data* dwar it-traffiku 'l hinn minndak li huwa neċessarju għat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni jew biex jingħata kont għaliha;

(h) "posta elettronika" tfisser kull messaġġ ta' test, leħen, ħoss jew stampi mibgħut fuq *network* ta' komunikazzjoni pubblika li jista' jinħażen fin-*network* jew fit-tagħmir terminali tar-riċevent sakemm jinġabar mir-riċevent;

(1) ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 33.

▼M2

►C1 (i) "ksur ta' data personali" tfisser ◄ ksur tas-sigurtà li jwassal għall-qerda, it-telf, l-alterazzjoni, l-iżvelar mhux awtorizzat b'mod aċċidentali jew illegali ta', jew l-aċċess għal, data personali mibgħuta, maħżuna jew ipproċessata b'mod ieħor f'konnessjoni mal-provvediment ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament fil-Komunità.

*Artikolu 3*

**Servizzi konċernati**

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ipproċessar ta' data personali f'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pubblikament disponibbli f'networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi fil-Komunità, inklużi n-networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi li jsostnu l-ġbir tad-data u l-apparat ta' identifikazzjoni.

▼B

*Artikolu 4*

**►M2 Sigurtà ta' pproċessar ◄**

1. Il-provditur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament għandu jieħu passi xierqa tekniċi u ta' organizzazzjoni biex jissalvagwardja s-sigurtà tas-servizzi tiegħu, jekk meħtieġ flimkien mal-provditur tan-network ta' komunikazzjoni pubblika fir-rigward tas-sigurtà tan-network. Filwaqt li tiġi kkunsidrata l-istat l-aktar avvanzat u l-ispiża ta' l-implimentazzjoni tagħhom, dawn il-miżuri għandhom jiżguraw livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju ppreżentat.

▼M2

1a. Mingħajr ħsara għad-Direttiva 95/46/KE, il-miżuri msemmija f'Paragrafu 1 għandhom għall-inqas:

— jassiguraw li d-data personali tkun tista' tiġi aċċessata biss minn persunal awtorizzat u għal raġunijiet awtorizzati legalment;

— jipproteġu d-data personali maħżuna jew trażmessa mill-qerda aċċidentali jew illegali, it-telf jew tibdil aċċidentali, u l-ħżin, l-ipproċessar, l-aċċess jew l-iżvelar mhux awtorizzati jew illegali; kif ukoll

— jassiguraw l-implimentazzjoni ta' politika ta' sigurtà fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali.

L-awtoritajiet nazzjonali relevanti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw il-miżuri li jkunu ttieħdu mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku u joħorġu rakkomandazzjonijiet dwar l-aħjar prattika fir-rigward tal-livell ta' sigurtà li għandhom jiksbu dawn il-miżuri.

▼B

2. Fil-każ ta' riskju partikolari ta' vjolazzjoni tas-sigurtà tan-*network*, il-provditur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament għandu jinforma lill-abbonati dwar dan ir-riskju u, fejn dan ir-riskju huwa lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu mill-provditur tas-servizz, dwar kull rimedji possibbli, inkluża indikazzjoni ta' l-ispejjeż x'aktarx involuti.

▼M2

3. Fil-każ ta' ksur ta' data personali l-fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika pubblikament disponibbli konċernat jew is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jinnotifkaw il-ksur tad-data personali lill-awtorità nazzjonali kompetenti.

Meta l-ksur tad-data personali jista' jaffettwa ħażin l-abbonat jew id-data personali jew il-privatezza tal-individwu, il-fornitur għandu wkoll jinnotifika l-abbonat ikkonċernat jew lill-individwu b'tali ksur mingħajr dewmien żejjed.

Ma għandhiex tkun meħtieġa notifika ta' ksur ta' data personali lilll-abbonat jew lill-individwu ikkonċernat jekk il-fornitur ikun wera lill-awtorità kompetenti li jkun implimenta l-miżuri ta' protezzjoni teknoloġiċi adatti, u li dawk il-miżuri ġew applikati għad-data kkonċernata mill-ksur tas-sigurtà. Tali miżuri ta' protezzjoni teknoloġiċi għandhom irendu d-data indeċifrabbli għal kull persuna li ma tkunx awtorizzata li jkollha aċċess għaliha.

Mingħajr ħsara għall-obbligu tal-fornitur li jinnotifika lill-abbonati jew lill-individwi ikkonċernati, jekk fornitur ma jkunx diġa nnotifika lill-abbonat jew individwu dwar ksur ta' data personali, l-awtorità nazzjonali kompetenti, wara li tkun ikkunsdrat l-effeti negattivi li jista' jkollu l-ksur, tista' tirrikjedi lill-fornitur biex jagħmel dan.

In-notifika lill-abbonat jew individwu għandha mill-inqas tiddeskrivi n-natura tal-ksur tad-data personali u l-punti ta' kuntatt fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni, u għandha tirrakkomanda miżuri biex itaffu l-effetti negattivi possibbli tal-ksur tad-data personali. In-notifika lill-awtorità nazzjonali kompetenti għandha, barra minn dan, tiddeskrivi l-konsegwenzi ta' u l-miżuri proposti jew meħuda mill-fornitur biex jiġi ttrattat il-ksur tad-data personali.

4. Suġġett għal kwalunkwe miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 5, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jadottaw linji gwida u, fejn meħtieġ, joħorġu struzzjonijiet dwar iċ-ċirkostanzi li fihom il-fornituri huma meħtieġa li jinnotifikaw ksur tad-data personali, il-format ta' tali notifika u l-proċeduri tan-notifika. Huma għandhom jissorveljaw ukoll jekk il-fornituri jkunux issodisfaw l-obbligi tagħhom tan-notifika skont dan il-paragrafu, u fil-każ li dan ma jkunx sar, għandhom jimponu sanzjonijiet adegwati.

▼M2

Il-fornituri għandhom iżommu inventarju tal-każijiet ta' ksur ta' data personali, li jkun jinkludi l-fatti ta' dawn il-każijiet ta' ksur, l-effetti tagħhom u l-azzjoni li ttieħdet biex jingħata rimedju, li għandu jkun biżżejjed sabiex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3. L-inventarju għandu jinkludi biss l-informazzjoni meħtieġa għal dan l-iskop.

5. Sabiex tiġi żgurata konsistenza fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA), il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi rigward l-Ipproċessar ta' Data Personali mwaqqaf mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, tadotta miżuri ta' implimentazzjoni tekniċi li jikkonċernaw, iċ-ċirkostanzi, il-format u l-proċeduri applikabbli għar-rekwiżiti ta' informazzjoni u notifika msemmija f'dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tinvolvi lill-partijiet interessati kollha, partikolarment sabiex tkun infurmata dwar l-aħjar mezzi tekniċi u ekonomiċi disponibbli għall-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14a(2).

▼B

*Artikolu 5*

**Konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u *data* dwar it-traffiku relatati permezz ta' *network* ta' komunikazzjoni pubblika u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament, permezz ta' liġijiet nazzjonali. Partikolarment għandhom jipprojbixxu s-smigħ, *tapping*, ħażna jew modi oħrajn ta' interċettazzjoni jew sorveljanza ta' komunikazzjonijiet u d-*data* dwar it-traffiku relatati minn persuni minbarra l-utenti, mingħajr il-kunsens ta' l-utenti konċernati, ħlief fejn legalment awtorizzati li jagħmlu dan skond l-Artikolu 15(1). Dan il-paragrafu m'għandux jipprevjeni l-ħażna teknika li hija meħtieġa biex tintbagħat komunikazzjoni mingħajr preġudizzju għall-prinċijpju tal-kunfidenzjalità.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jaffettwa reġistrazzjoni legalment awtorizzata ta' komunikazzjonijiet u tad-*data* dwar it-trafffiku relatati meta mwettqa fil-kors ta' prattika tal-kummerċ legali għall-iskop li tiġi pprovduta prova ta' transazzjoni kummerċjali jew kull komunikazzjoni oħra kummerċjali.

▼M2

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħżin tal-informazzjoni, jew il-ksib tal-aċċess għall-informazzjoni diġà maħżuna, fit-tagħmir terminali ta' abbonat jew utent huma permessi biss bil-kondizzjoni li l-abbonat jew l-utent ikkonċernati ikunu taw il-kunsens tagħhom, wara li jkunu ġew provduti b'informazzjoni ċara u komprensiva skont id-Direttiva 95/46/KE, dwar inter alia l-għanijiet tal-ipproċessar mill-kontrollur tad-data. Dan ma jimpedixxi l-ebda ħżin jew aċċess tekniku għall-għan esklużiv ta' implimentazzjoni tat-trażmissjoni ta' komunikazzjoni fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, jew kif strettament meħtieġ sabiex il-fornitur ta' servizz tal-informazzjoni tas-soċjetà espliċitament mitlub mill-abbonat jew l-utent biex jipprovdi s-servizz.

▼B

*Artikolu 6*

**_Data_ dwar it-traffiku**

1. *Data* dwar it-traffiku relatata ma' abbonati u utenti ipproċessat u maħżun mill-provditur ta' *network* pubbliku ta' komunikazzjonijiet jew servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament għandhom jitħassru jew jiġu magħmula anonimi meta m'għadhomx aktar meħtieġa għall-iskop tat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2, 3 u 5 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 15(1).

2. *Data* dwar it-traffiku meħtieġa biex isiru l-kontijiet ta' l-abbonati u ħlasijiet ta' interkonnessjoni jistgħu jiġu proċessati. Tali proċessar huwa permissibbli biss sat-tmiem tal-perjodu li fih il-kont jista' legalment jiġi kkontestat jew il-ħlas jiġi persegwit.

▼M2

3. Għall-iskopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jew għall-provvista ta' servizzi bil-valur miżjud, il-fornitur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament jista' jipproċessa d-data msemmija fil-paragrafu 1 sa fejn u għaż-żmien meħtieġ għal dawn is-servizzi jew kummerċjalizzazzjoni, jekk l-abbonat jew l-utent li għalih tirrelata d-data jkun ta l-kunsens tiegħu/tagħha minn qabel. L-utenti jew abbonati għandhom jingħataw il-possibilità li jirtiraw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data dwar it-traffiku f'kull ħin.

▼B

4. Il-provditur tas-servizz għandu jinforma lill-abbonat jew utent dwar it-tipi ta'*data* dwar it-traffiku li huma pproċessati u dwar iż-żmien ta' dan l-ipproċessar għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 2, u qabel ma jakkwista l-kunsens, għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 3.

5. L-ipproċessar ta' *data* dwar it-traffiku, skond il-paragrafi 1, 2, 3 u 4, għandu jiġi ristrett għal persuni li jaġixxu taħt l-awtorità ta' provdituri ta' *network* pubbliku ta' komunikazzjonijiet jew servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament li jġestixxu l-kontijiet jew it-traffiku, talbiet tal-klijenti, skoperta tal-frodi, *marketing* ta' komunikazzjoni elettronika kummerċjali jew il-provvista ta' servizz bil-valur miżjud, u għandu jkun ristrett għal dak li huwa meħtieġ għall-iskop ta' dawn l-attivitajiet.

6. Il-paragrafi 1, 2, 3 u 5 għandhom jgħoddu bla preġudizzu għall-possibilità ta' korpij kompetenti li jiġu informati dwar *data* dwar it-traffiku skond il-leġislazzjoni applikabbli sabiex jiġu riżolti d-disputi, partikolarment disputi dwar interkonnessjoni jew kontijiet.

▼B

*Artikolu 7*

**Kontijiet dettaljati**

1. L-abbonati għandu jkollhom id-dritt li jirċievu kontijiet mhux dettaljati.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw dispożizzjonijiet nazzjonali sabiex jirrikonċiljaw id-drittijiet ta' l-abbonati li jirċievu kontijiet dettaljati mad-dritt tal-privatezza ta' utenti li jsejħu u abbonati li ġew imsejħa, per eżempju billi jiżguraw li huma disponibbli għal tali abbonati jew utenti metodi suffiċjenti alternattivi li jsaħħu l-privatezza tal-komunikazzjonijiet jew ħlasijiet.

*Artikolu 8*

**Preżentazzjoni u restrizzjoni ta' identifikazzjoni tal-linja li ssejjaħ jew konnessa**

1. Fejn tiġi offruta preżentazzjoni ta' identifikazzjoni tal-linja li ssejjaħ, il-provditur tas-servizz għandu joffri lill-utent li qed isejjaħ il-possibilità, bl-użu ta' mezz sempliċi mingħajr ħlas, tal-prevenzjoni tal-preżentazzjoni ta' identifikazzjoni tal-linja li ssejjaħ fuq bażi *per-call.* L-abbonat li jsejjaħ għandu jkollu din il-possibilità fuq bażi *per*-line.

2. Fejn tiġi offruta preżentazzjoni ta' identifikazzjoni tal-linja li ssejjaħ, il-provditur tas-servizz għandu joffri lill-utent li qed jissejjaħ il-possibilità, bl-użu ta' mezz sempliċi mingħajr ħlas ghal użu raġonevoli ta' din il-funzjoni, li jipprevjeni l-preżentazzjoni ta' l-identifikazzjoni tal-linja li ssejjaħ ta' sejħiet li jkunu deħlin.

3. Fejn tiġi offruta preżentazzjoni ta' identifikazzjoni tal-linja li ssejjaħ, u fejn l-identifikazzjoni tal-linja li qed issejjaħ tiġi ppreżentata qabel ma tiġi stabbilita s-sejħa, il-provditur tas-servizz għandu joffri lill-abbonat imsejjaħ il-possibilità, bl-użu ta' mezz sempliċi, li jiċħad is-sejħiet li deħlin fejn il-preżentazzjoni ta' l-identifikazzjoni tal-linja li qed issejjaħ tkun ġiet prevenuta mill-utent jew l-abbonat li qed isejjaħ.

4. Fejn tiġi offruta preżentazzjoni ta' identifikazzjoni tal-linja konnessa, il-provditur tas-servizz għandu joffri lill-abbonat imsejjaħ il-possibilità, bl-użu ta' mezz sempliċi mingħajr ħlas, li jipprevjeni l-preżentazzjoni ta' l-identifikazzjoni tal-linja konnessa lill-utent li qed isejjaħ.

5. Il-paragrafu 1 għandu jgħodd ukoll rigward sejħiet lil pajjiżi terzi li joriġinaw fil-Komunità. Il-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jgħoddu wkoll għal sejħiet li deħlin li joriġinaw f'pajjiżi terzi.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn tiġi offruta preżentazzjoni ta' identifikazzjoni tal-linja li ssejjaħ u/jew konnessa, il-provdituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament jinfurmaw lill-pubbliku dwar dan u dwar il-possibiltajiet stabbiliti fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4.

▼B

*Artikolu 9*

**Data dwar is-sit li ma tkunx data dwar it -traffiku**

1. Fejn id-*data* dwar is-sit li ma tkunx *data* dwar it-traffiku, relatata ma’ utenti jew abbonati ta' *networks* pubbliċi ta' komunikazzjoni jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament, tista tiġi pproċessata, din id-*data* tista’ tiġi pproċessata biss fejn tkun ġiet magħmula anonima, jew bil-kunsens ta' l-utenti jew ta' l-abbonati sa fejn u għaż-żmien meħtieġ għall-provvista ta' servizz bil-valur miżjud. Il-provditur tas-servizz għandu jinforma lill-utenti jew abbonati, qabel ma jakkwista l-kunsens tagħhom, dwar it-tip ta' *data* dwar is-sit li ma tkunx *data* dwar it-traffiku li ser tiġi pproċessata, dwar l-iskopijiet u ż-żmien ta' l-ipproċessar u jekk id-*data* hix ser tiġi trasmessa lil xi terza persuna għall-iskop li jkunprovdut servizz bil-valur miżjud. L-utenti jew l-abbonati għandhom jingħataw il-possibbilità li jirtiraw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar ta' *data* dwar is-sit li mhix *data* dwar it-traffiku f'kull ħin.

2. Fejn ġie akkwistat il-kunsens ta' l-utenti jew l-abbonati għall-ipproċessar ta' *data* dwar is-sit li ma tkunx id-*data* dwar it-traffiku, l-utent jew l-abbonat għandu jkompli jkollu l-possibilità, bl-użu ta' mezz sempliċi u mingħajr ħlas, li temporanjament jirrifjuta l-ipproċessar ta' din id-*data* għal kull konnessjoni man-*network* jew għal kull trasmiss-joni ta' komunikazzjoni.

3. Proċessar ta' *data* dwar is-sit li ma tkunx *data* dwar it-traffiku skond il-paragrafi 1 u 2 għandu jiġi ristrett għal persuni li jaġixxu taħt l-awtorità tal-provditur ta' *network* pubbliku ta' komunikazzjonijiet jew servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament jew tat-terza persuna li tipprovdi s-servizz bil-valur miżjud, u għandu jiġi ristrett għal dak li huwa meħtieġ għall-iskopijiet tal-provvista tas-servizz bil-valur miżjud.

*Artikolu 10*

**Eċċezzjonijiet**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li hemm proċeduri trasparenti li jirregolaw il-mod li bih provditur ta' *network* pubbliku ta' komunikazzjonijiet u/jew servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament jista' jwarrab:

(a) l-eliminazzjoni tal-preżentazzjoni ta' identifikazzjoni tal-linja li ssejjaħ fuq bażi temporanja, fuq applikazzjoni ta' abbonat li jitlob l-intraċċar ta' sejħiet malizjużi jew ta' inkonvenjent. F'dan il-każ, skond il-liġi nazzjonali, id-*data* li fiha l-identifikazzjoni ta' l-abbonat li qed isejjaħ jinħażnu u jkunu disponibbli mill-provditur ta' *network* pubbliku ta' komunikazzjonijiet u/jew servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament;

▼B

(b) l-eliminazzjoni tal-preżentazzjoni ta' identifikazzjoni tal-linja li ssejjaħ u ċ-ċaħda jew nuqqas temporanju tal-kunsens ta' l-abbonat jew l-utent għall-ipproċessar ta' *data* dwar is-sit, fuq bażi *per-line* għal organizzazzjonijiet li jittrattaw sejħiet ta' emerġenza u rikonoxxuti bħala tali minn Stat Membru, inklużi aġenziji li jinfurzaw il-liġi, servizzi ta' ambulanzi u servizzi tat-tifi tan-nar, għall-iskopijiet li dawn is-sejħiet jitwieġbu.

*Artikolu 11*

**Trasferiment awtomatiku tas-sejħiet**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull abbonat għandu l-possibbilità, bl-użu ta' mezz sempliċi u mingħajr ħlas, li jwaqqaf it-trasferiment awtomatiku minn terza persuna lit-terminal ta' l-abbonat.

*Artikolu 12*

**Direttorji ta' l-abbonati**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-abbonati huma infurmati, mingħajr ħlas u qabel ma jiġu inklużi f'direttorji, dwar l-iskop(ijiet) ta' direttorju stampat jew elettroniku ta' l-abbonati disponibbli għall-pubbliku jew li jista' jiġi akkwistat minn servizz ta' talbiet tad-direttorju, li fihom id-*data* personali tagħhom jistgħu jiġu inklużi u dwar possibilitajiet ta' użu ulterjuri bbażati fuq funzjonijiet ta' tfittxija inkorporati fil-verżjonijiet elettroniċi tad-direttorju.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-abbonati jingħataw l-opportunità li jiddeterminaw jekk id-*data* personali tagħhom humiex inklużi f'direttorju pubbliku, u jekk iva, sa fejn tali *data* huma rilevanti għall-iskopijiet tad-direttorju kif determinat mill-provditur tad-direttorju, u li jivverifikaw, jikkoreġu jew jirtiraw din id-*data*. Għandu jkun mingħajr ħlas li wieħed ma jkunx inkluż f'direttorju ta' l-abbonati, kif ukoll, li tkun ivverifikata, ikkoreġuta jew irtirata d-*data* personali minnu.

3. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li għal kull skop ta' direttorju pubbliku minbarra t-tfittxija ta' dettalji tal-kuntatt ta' persuni fuq il-bażi ta' isimhom u, fejn meħtieġ, minimu ta' identifikaturi oħrajn, jista' jintalab kunsens ulterjuri ta' l-abbonati.

4. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom jgħoddu għal abbonati li huma persuni naturali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll, fil-kwadru tal-liġi Komunitarja u l-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli, li l-interessi leġittimi ta' abbonati minbarra persuni naturali rigward id-dħul tagħhom fid-direttorji pubbliċi huma mħarsa b'mod suffiċjenti.

▼M2

*Artikolu 13*

**Komunikazzjoni mhux mitluba**

1. L-użu ta' sistemi ta' sejħiet awtomatizzati u ta' komunikazzjoni, mingħajr l-intervent uman (magni ta' sejħiet awtomatiċi), magni tal-facsimile (fax) jew posta elettronika għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta jista' jkun permess biss fir-rigward ta' abbonati jew utenti li jkunu taw il-kunsens tagħhom minn qabel.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn persuna naturali jew legali tikseb mill-klijenti tagħha d-dettalji ta' kuntatt elettroniċi għall-posta elettronika, fil-kuntest ta' bejgħ ta' prodott jew servizz, skont id-Direttiva 95/46/KE, l-istess persuna naturali jew legali tista' tuża dawn id-dettalji ta' kuntatt elettroniċi għall-kummerċjalizzazzjoni diretta tal-prodotti jew servizzi simili tagħha stess, dment li l-klijenti jingħataw b'mod ċar u distint l-opportunità li joġġezzjonaw, mingħajr ħlas u b'mod faċli, għal tali użu ta' dettalji ta' kuntatt elettroniku fil-ħin tal-ġbir tagħhom u fl-okkażjoni ta' kull messaġġ fil-każ fejn il-klijent ma jkunx irrifjuta inizjalment tali użu.

3. L-Istati Membri għandhom miżuri xierqa biex jiżguraw illi, il-komunikazzjonijiet mhux mitluba għall-iskopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta, minbarra f'każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, ma jkunux permessi mingħajr il-kunsens tal-abbonati jew l-utenti konċernati jew fir-rigward ta' abbonati jew utenti li ma jixtiqux jirċievu dawn il-komunikazzjonijiet, bl-għażla bejn dawn it-tnejn tiġi determinata mil-leġislazzjoni nazzjonali, b'kont meħud li ż-żewġ għażliet għandhom ikunu mingħajr ħlas għall-abbonat jew l-utent.

4. F'kull każ, il-prattika li tintbagħat posta elettronika għall-iskopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta li tiddissimula jew taħbi l-identità tal-mittent li f'ismu tkun saret il-komunikazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/31/KE, mingħajr indirizz validu li r-riċevent jista' jibgħatlu talba biex ma jirċevix tali komunikazzjonijiet, jew li tinkoraġġixxi lir-riċeventi jżuru websajts li jmorru kontra dak l-Artikolu, għandha tiġi pprojbita.

5. Il-paragrafi 1 u 3 għandhom jgħoddu għal abbonati li huma persuni naturali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll, fil-qafas tal-liġi Komunitarja u l-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli, li l-interessi leġittimi ta' abbonati minbarra persuni naturali rigward komunikazzjonijiet mhux mitluba huma protetti b'mod suffiċjenti.

6. Bla ħsara għal kwalunkwe rimedju amministrattiv li għalih tista' ssir dispożizzjoni, inter alia skont l-Artikolu 15a(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna fiżika jew legali affettwata ħażin minn ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont dan l-Artikolu u li għaldaqstant għandha interess leġittimu fil-waqfien jew il-projbizzjoni ta' tali ksur, inkluż fornitur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika li jħares l-interessi kummerċjali leġittimi tiegħu, jista' jieħu azzjoni legali kontra tali ksur. L-Istati Membri jistgħu wkoll jistabbilixxu regoli

▼M2

speċifiċi dwar pieni applikabbli għall-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika li bin-negliġenza tagħhom jikkontribwixxu għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati konformement ma’ dan l-Artikolu.

▼B

*Artikolu 14*

**Karatterisitiċi tekniċi u standardizzazzjoni**

1. Fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, bla ħsara għall-paragrafi 2 u 3, l-ebda obbligazzjonijiet mandatorji għall-karatterisitiċi tekniċi speċifiċi ma jiġu imposti fuq tagħmir terminali jew ta' komunikazzjoni elettronika oħra, li jistgħu jimpedixxi t-tqegħid ta' tagħmir fis-suq u ċ-ċirkolazzjoni libera ta' tali tagħmir fi jew bejn l-Istati Membri.

2. Fejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jistgħu jiġu implimentati biss billi jenħtieġu karatteristiċi tekniċi speċifiċi fin-*networks* ta' komunikazzjoni elettroniċi, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skond il-proċedura prevista fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-*istandards* u tar-regolamenti tekniċi u dwar regoli dwar servizzi tas-soċjeta’ ta' l-informazzjoni [1].

3. Fejn meħtieġ, jistgħu jiġu adottati miżuri biex ikun żgurat li t-tagħmir terminali jinbena b'tali mod li huwa kompatibbli mad-dritt ta' l-utenti li jħarsu u jikkontrollaw l-użu tad-*data* personali tagħhom, skond id-Direttiva1999/5/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet [2].

▼M2

*Artikolu 14a*

**Proċeduta tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistia mill-Kumitat tal-Komunikazzjoni stabbilit mill-Artikolu 22 tad-Direttiva 2002/21/KE (id-Direttiva Qafas).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jkunu ġew ikkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a (1), (2), (4) u (6) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jkunu ġew ikkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

---

(1) ĠU L 204, tal-21.7.1998, 37. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE (ĠU L 217, tal-5.8.1998, p.18).

(2) ĠU L 36, tas-7.2.1987, p. 31. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994.

▼B

*Artikolu 15*

**Applikazzjoni ta' xi disposizzjonijet tad-Direttiva 95/46/KE**

1. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri leġislativi biex jirrestrinġu l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 8(1), (2), (3) u (4), u l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva meta tali restrizzjoni tikkostitwixxi miżura neċessarja, xierqa u proporzjonata f'soċjeta' demokratika biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali (i.e. is-sigurtà ta' l-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew ta' użu mhux awtorizzat tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46/KE. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri jistgħu, *inter alia*, jadottaw miżuri leġislativi li jipprovdu għaż-żamma ta' l-informazzjoni għal perjodu limitat iġġustifikat għar-raġunijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu. Il-miżuri kollha msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

▼M1

1a. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal *data* speċifikament meħtieġa mid-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' *data* ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' *networks* ta' komunikazzjoni pubblika [1] sabiex tinżamm għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dik id-Direttiva.

▼M2

1b. Il-fornituri għandhom jistabbilixxu proċeduri interni biex iwieġbu talbiet għal aċċess għad-data personali tal-utenti fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adotatti skont il-paragrafu 1. Għandhom jipprovdu lill-awtorità nazzjonali kompetenti, meta din titlobha, b'informazzjoni dwar dawn il-proċeduri, in-numru ta' talbiet li jkunu waslu għandhom, il-ġustifikazzjoni legali invokata u r-risposti tagħhom.

▼B

2. Id-dispożizzjonijiet fil-Kaptilu III dwar rimedji ġudizzjarji, risponsabbilità u sanzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE għandhom jgħoddu fir-rigward ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u fir-rigward tad-drittijiet individwali derivati minn din id-Direttiva.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fl-Ipproċessar ta' *Data* Personali stabbilit mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE għandu wkoll iwettaq il-kompiti preskritti fl-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' affarijiet koperti minn din id-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali u ta' interessi leġittimi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

---

(1) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54.

▼M2

*Artikolu 15a*

**Implimentazzjoni u infurzar**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli tal-penali, inklużi sanzjonijiet kriminali fejn xieraq, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn ir-regoli jkunu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u diswassivi u jistgħu jkunu applikati biex ikopru l-perijodu ta' kwalunkwe ksur, anke fejn sussegwentement il-ksur ikun ġie rettiffikat. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sal-25 ta' Mejju 2011 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li teffettwahom.

2. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe soluzzjoni ġudizzjarja li tista' tkun disponibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità nazzjonali kompetenti u, fejn rilevanti, korpi nazzjonali oħra jkollhom is-setgħa li jordnaw il-waqfien tal-ksur imsemmi fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, fejn rilevanti, korpi nazzjonali oħra jkollhom is-setgħat u r-riżorsi investigattivi kollha meħtieġa, inkluż is-setgħa li jiksbu kwalunkwe informazzjoni rilvanti li jistgħu jkunu jeħtieġu biex jissorveljaw u jinfurzaw id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva.

4. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali relevanti jistgħu jadottaw miżuri sabiex jiżguraw koperazzjoni effikaċi transkonfinali fl-infurzar tal-liġijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u toħloq kondizzjonijiet armonizzati għall-forniment ta' servizzi li jinvolvu flussi transkonfinali tad-data.

L-awtoritajiet regolatorji nazjonali għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fi żmien bikri biżżejjed qabel ma jadottaw dawn ir-rekwiżiti, b'sommarju tar-raġunijiet għall-azzjoni, il-miżuri mistennija u l-pjan ta' azzjoni propost. Il-Kummissjoni tista', wara li tkun eżaminat din l-informazzjoni u wara li tkun ikkonsultat lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Network u tal-Informazzjoni (ENISA) u lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi rigward l-Ipproċessar ta' Data Personali mwaqqaf mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE, tagħmel kummenti u rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari biex tiżgura li l-miżuri previsti ma jaffettwawx ħażin it-tħaddim tas-suq intern. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jieħdu kont sħiħ tal-kummenti jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni meta jkunu qed jiddeċiedu dwar il-miżuri.

▼B

*Artikolu 16*

**Arranġamenti tranżitorji**

1. L-Artikolu 12 m' għandux jgħodd għal edizzjonijiet ta' direttorji diġa' prodotti jew imqiegħda fis-suq f'forma stampata jew elettronika *offline* qabel ma jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet nazzjonali skond din id-Direttiva.

▼B

2. Fejn id-*data* personali ta' abbonati għal servizzi pubbliċi fissi jew mobbli ta' telefonija bil-leħen ġew inklużi f'direttorju pubbliku ta' abbonati skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE, u l-Artikolu11 tad-Direttiva 97/66/KE qabel ma jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet nazzjonali skond din id-Direttiva, id-*data* personali ta' tali abbonati jistgħu jibqgħu inklużi f'dan id-direttorju pubbliku fil-forom stampati jew elettroniċi tiegħu, inklużi verżjonijiet bil-funzjoni ta' tfittxija b'lura, sakemm l-abbonati ma jindikawx mod ieħor, wara li jkunu rċevew informazzjoni sħiħa dwar l-iskopijiet u l-għażliet skond l-Artikolu 12 ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 17*

**Transpożizzjoni**

1. Qabel il-31 ta' Ottubru 2003 L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id- Direttiva. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjata b'din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-riferenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. StatiMembri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva u ta' kull emenda sussegwenti għal dawk id-dispożizzjonijiet.

*Artikolu 18*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 17(1), rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u l-impatt tagħha fuq operaturi ekomomiċi u fuq konsumaturi, partikolarment rigward id-dispożizzjonijiet dwar komunikazzjonijiet mhux soliċitati, waqt li jitqies l-ambjent internazzjoniali. Għal dan l-iskop il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni mill-Istati Membri, li għandha tingħata mingħajr dewmien mhux xieraq. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti biex tiġi emendata din id-Direttiva, waqt li jitqiesu ir-riżultati ta' dak ir-rapport, tibdiliet fis-settur u kull proposta oħra li jidhrilha neċessarja sabiex tittejjeb l-effettività ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 19*

**Tħassir**

Id-Direttiva 97/66/KE hija b'dan imħassra mid-data msemmija fl-Artikolu 17(1).

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala li qed isiru għal din id-Direttiva.

▼B

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

*Artikolu 21*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.